L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 14 ta' Marzu, 2003

**48%**

Dik l-imbierka 48% tigi maggoranza jew le? Il-kugin li jinsab *Year* 6, qalli, li min 100% ma tigix maggorazna! Kemm hu bravu hux? Imma donnu li f'dan il-pajjiz konna u ghadna qeghdin nithawdu l-48 mal-53! Il-problema hi, li mhux ahna biss! Il-bulettin ta' l-*Euronews* li smajt ghal xis-6:00pm jum ir-rebha tal-*partnership*, qal li Malta r-referendum ghadda b'53% tal-popolazzjoni.

Mhux talli hekk, talli gab hafna bnadar blu jixxejru u billi kulhadd kien jaf bil-farsa taz-zewg partiti jifirhu, ma gab l-ebda bandiera bajda u hamra!

Dan rapport fidil! Minn dak in-nhar 'il quddiem, iddecidejt li ma naghtix kas aktar ta' l-*Euronews* li jghid kif jaqbillu! U ghajni ghokritni bil-kbir li, l-pupazz ta' Prim Ministru li ghandna, rega' ghamel kollox ghall-apparenza! Naghmel rasi taht mannara li, il-Prim Ministru, kien ipprepara l-gurnalisti barranin kollha ghal lest biex jiffilmjaw ir-rebha tal-Partit Nazzjonalista, u mhux se jiddeludihom.

Farsa kontinwa. Dawk li xejru l-bnadar hasbu li, il-Prim Ministru, qed ihenn ghalihom ghax jaghmlilhom il-holma taghha realtà. Fil-fatt kien qieghed juzahom, ghax wara kollox, il-gurnalisti kieku ma hargux huma, ma kienx ikollhom x'jigbdu! Fil-fatt grazzi ghal dawk tal-bnadar blu, il-*Euronews* setghu jigbdu l-gidba li gidbu, u juru lill-Ewropa tal-Lvant li r-referendum f'Malta ghadda meta m'ghaddiex!

Dik informazzjoni! Issa jridu jkunu tan-naha tal-"Le" li jghidu 'l-Polonja, lill-Estonja, lil-Latvja, lil-Litwanja, lil Cipru, ecc., li mhux veru rebhu ta' l-"Iva"!

Donnhom pezza wahda Fenech Adami u ta' l-Unjoni – dittatorjat demokratiku u hasil ta' l-imhuh biss! Ghax ma jarawx ir-rewwixti shah li jinqalghu fl-istess gurnata; bil-Pulizija bit-tarek, li kellhom huma fit-toroq taghhom?!

Inhossni offiza mmens li l-*Euronews* interpretat ir-rizultat Malti b'gidba. U ma kinitx l-unika okkazjoni fejn l-*Euronews* ma qalitx il-verità jew il-verità kollha kemm hi! Minn sorsi Germanizi li joqoghdu Malta, u li nista' noqghod fuqhom iktar mill-*Euronews* (sic!!) sirt naf li ghall-kuntrarju ta' dak li wiehed jistenna, il-verzjoni Germaniza ta' l-*Euronews*, mhix traduzzjni tal-verzjoni Ingliza ta' l-*Euronews*!

Jigifieri, bil-Germaniz intqalet certa informazzjoni li ma ntqalitx bl-Ingliz ghal ragunijiet ovvji! Ghax il-poplu ma jifhimx bil-Germaniz! Probabbilment, anki l-verzjoni Germaniza ntaghzlet apposta kif iddoqq ghal widnejn il-Germanizi, xi tghid? Mela qieghda tintuza kemm-il darba l-barriera tal-lingwa!

Kulhadd isemma' lill-poplu dak li jixtieq jisma'. Kont nassumi li, il-bulettin ta' l-ahbarijiet, ikunu traduzzjoni ta' xulxin – imma ma' l-Unjoni ma tista' tassumi xejn! Tinbidel il-lingwa, jinbidel il-gens, u tinbidel il-verzjoni! Imsieken huma dak li l-Gvern inqeda bihom biex johorgu jxejru l-bnadar halli jittradixxu lill-popli tal-Lvant filli jahsbu li Malta r-referendum ghadda b'maggoranza "Iva", ghax, issa, tabilhaqq inqeda bihom f'kollox! Hawnhekk, qieghda l-farsa! Ghax palk jonqoshom!

Sinjuri ta' l-*Euronews*, hawn Germanizi li joqoghdu Malta, li jifhmu bil-Germaniz, kif hawn Maltin, bhali, li jifhmu bil-Germaniz – dawk harbulkom?! U, ara ma tmorrux tahsbu, li ma nafux x'qeghdin tghidu fuqna barra minn pajjizna!

U jaqblilhom ta' l-ambaxxati joqoghdu attenti ghal li se nghid! Nitlob lil kull min jifhem b'lingwi barranin bhall-Germaniz u l-Franciz, kif ukoll Taljan jew lingwi ohrajn, biex joqghod attent; halli nipprova dak li qieghed nghid jien!

Jiena wahda minn dawk li nammira ghall-ahhar dawn il-popli kollha. Kumbinazzjoni studjajt dawn il-lingwi kollha, ghax verament xtaqt nifhem lil dawn il-popli. Imma msieken dawn il-popli u, aktar minnhom, il-popli tal-Lvant, li jsemmghulhom biss dak li jixtiequ jisimghu! M'ghandhomx gvernijiet fidili! U lanqas m'ghandhom servizzi tax-xandir fidili! Problema wahda ghandhom!

Din hi, li jekk ahna studjajna l-Ingliz, it-Taljan, il-Franciz u l-Germaniz, huma zgur li mhux se jifhmu l-Malti!... Ifthu ghajnejkom ja popli ta' l-Ewropa!... Ix-xandir taghkom mhux demokratiku!...; Malta hargu jifirhu wkoll bil-bnadar homor u bojod!

Dawk tal-bnadar blu setghu facilment jitqieghdu fuq palk, ghax ghalhekk inqeda bihom il-Gvern Malti! F'holm bl-istilel qeghdin jghixu, u hekk se jibqghu ghalissa!

**Laqghat tal-gimgha**

Insellem kif ghamilt diversi drabi, lil nies li l-laqgha tieghi maghhom fil-kampanja "bieb bieb" halliet impatt fuqi.

Iltqajt ma' tfajla minn tal-Brag fil-Mellieha, ta' xi 18-il sena, li hadet interess tirrakkontali l-istorja taghha; kif impjegawha b'kuntratt ta' sentejn. Minhabba f'hekk, il-bank ma riedx isellifha ammont bizzejjed biex tixtri karozza! Ahseb u ara, xi dar! Barra minn hekk, kuntratt ta' sentejn ifisser li, ma tistax tfittex xoghol iehor stabbli matul dawn is-sentejn, ghax ma tistax titlaq qabel ma jiskadu s-sentejn!

Ikatar milli mpieg ta' sentejn; stat bhal dan, iktar insejjahlu trawma ta' sentejn! Lil din it-tfajla naghmlilha kuragg! U nitlobha halli bl-istat taghha ggieghel zghazagh ohrajn bhalha jifhmu x'qieghda toffri l-Unjoni Europea! U kif jistghu z-zghazagh jibnu gejjieni b'impieg temporanju – li hu impossibbli?!

Minn hawn insellem ukoll lil mara ohra Mellihija minn Triq l-Gholjiet. Din tahdem f'bar f'Bugibba. Qaltli li fil-gimgha ta' qabel ir-referendum, kuljum precett, mill-inqas gie barrani jew barranija, jfittxu x-xoghol fil-post tax-xoghol taghha.

Kien hemm granet li marru jfittxu x-xoghol aktar minn persuna wahda!

Fil-fatt in-nazzjonalitajiet kienu diversi, ghalkemm, xi kultant, ma kienx facli tghid x'inhuma, izda fosthom kien hemm Taljani u anki Russi (li mhux qed nghid li qeghdin fl-Unjoni).

Probabbilment bhalma marru jfittxu x-xoghol ghand fejn tahdem din il-mara, daru Bugibba kollha, jigifieri probabbilment, hafna nies li jahdmu fi hwienet Bugibba, jistghu jippruvaw dan.

Iltqajt ukoll ma' mastrudaxxa minn Triq Pietro Pawl Caruana li, hass li ghandu juri bic-car kif din il-fissazzjoni Ewropea tal-Gvern prezenti, kissret l-ekonomija Maltija u s-*self-employed* iz-zghar.

Qalli li bejn l-1996 u l-1998 taht Gvern Laburista, kien jimpjega mieghu erbgha *full-timers* u tliet *part-timers*. Bil-mod il-mod, illum il-gurnata, qed 'jimpjega' biss mieghu student!

Kif se jikkonvincihom il-Gvern prezenti lil dawn in-nies li, jaqblilhom, li Malta ssir parti mill-Unjoni?

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*